# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru, 2019.**

**Numru 11**

**Ċitazzjoni numru 728/00 LSO**

**Edward Engerer**

**v.**

**Richard Attard u Herman Depasquale f'isimhom *proprio* u eżerċenti l-professjoni tagħhom taħt l-isem '*Richard J Attard & Co*'**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimati *proprio* u *nomine* (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellanti") minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla fid-19 ta' Novembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-appellanti, laqgħet it-talbiet tal-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellat") billi sabet li l-appellat huwa intitolat għal sehemu mid-dħul tax-xogħol li

ngħata lill-klijenti tad-ditta ta’ awdituri fil-grad ta’ ħamsa u għoxrin fil-mija (25%); illikwidat *arbitrio boni viri* s-somma dovuta lilu mill-appellanti flimkien fl-ammont ta’ ħmistax-il elf mitejn u tlieta u tletin euro (€ 15,233), filwaqt li bl-istess mod illikwidat is-somma dovuta lilu mill-appellant Richard Attard waħdu fis-somma ta’ sitt elef ħames mija u tnejn u għoxrin euro (€ 6,522), b’dan li kull bilanċ rimanenti dovut lil APS Bank Limited fuq il-*loan* u *overdraft account* maħruġ mid-ditta jibqa’ r-responsabbiltà waħdanija tal-appellanti, u b’dan ukoll li kull bilanċ li d-ditta kien għad fadlilha ddaħħal mingħand id-debituri tagħha skond id-dokument EE1 li ma baqgħux jaħdmu mal-appellat, kellu jibqa’ għall-benefiċċju esklussiv tal-appellanti; ikkundannat lill-appellanti jħallsuh f’ishma ndaqs bejniethom is-somma ta’ €15,233, filwaqt li ikkundannat lill-appellant Attard iħallsu s-somma ta’ €6,522), bl-imgħax fuq iż-żewġ ammonti b’seħħ minn dakinhar tas-sentenza sal-jum tal-ħlas effettiv; u ordnatilhom ukoll li jħallsu l-ispejjeż tal-kawza;

2. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet il-kunsiderazzjonijiet li din il-Qorti se ġġib hawn taħt ħalli l-każ jinftiehem aħjar:

> “*Illi permezz ta' din il-kawza, l-attur, bhala eks-socju ta' ditta ta' awdituri qed jitlob li jithallas ta' sehmu ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) mill-introjtu nett tad-ditta sakemm telaq fit-30 ta' April 1999. Mill-provi jirrizulta li l-perjodu in ezami huwa dak bejn l-1 ta' Jannar 1997 sat-30 ta' April 1999.*
>
> *“Il-konvenuti li huma s-socji rimanenti fid-ditta, eccipew l-intempestivita' ta' din l-azzjoni peress li s-somma li eventwalment tista' tkun dovuta ma*

*setghetx tigi likwidata. Sabiex l-attur jiehu sehemu jridu l-ewwel jigbru l-flus dovuti lill-assocjazzjoni u jissoddisfaw il-kredituri taghhom qabel ma jinqasam il-qliegh. Inoltre qed isostnu li s-sehem tal-attur mhuwiex fil-percentwali mitluba imma l-arrangament bejniethom kien ferm iktar komplessiv.*

*"**Provi Prodotti***

*"Xehed l-attur **Edward Engerer**,[1] u ddikjara li hu flimkien mal-konvenuti kienu ffurmaw assocjazzjoni ta' awdituri u bejniethom kien sar ftehim li jispecifika li kellu jippartecipa f'sehem ta' 25% mill-qligh, waqt illi l-konvenuti jzommu 75%, fil-kwoti ta' 50% ghal Richard Attard u 25% ghal Herman Depasquale. Meta telaq hu, eskluda li l-assocjazzjoni kienet f'xi sitwazzjoni finanzjarja prekarja. Kien sar partner fil-bidu tas-sena 1997.*

*"Qal li zamm computer id-dar, u bi qbil ma' Richard Attard kellha titnaqqas Lm300 mill-ammont lilu dovut. Inoltre kien hemm qbil li jigi akkreditat b'ammont ta' Lm2,161.94 dovut lill-assocjazzjoni minn klijenti/debituri li kien ser izommhom hu, biex b'hekk id-dejn dovut lill-assocjazzjoni kien ser jitnaqqas b'dan l-ammont.*

*"L-assocjazzjoni ntemmet fl-istess gurnata li telaq hu. Kwindi huwa jippretendi li l-accounts ta' l-assocjazzjoni ghandhom isiru sat-30 ta' April 1999 u dak li jirrizulta li huwa dovut lilu jithallas minghajr ebda dewmien iehor.*

*"Hu esebixxa sett ta' accounts minn Jannar sa Mejju 1997 kif ukoll lista ta' debituri li kellhom ftit qabel ma telaq mill-assocjazzjoni **(Dok EE1** u **Dok EE2)**.*

*"Qal li s-sistema ta' accounting tal-firm kienet fuq accrual basis. Zied ighid li ma kellux access ghad-dokumenti tal-partnership u ghalhekk kien jiddependi minn haddiehor biex isiru l-accounts. Talab diversi drabi biex isiru l-accounts izda dan ma sehhx.*

*"L-attur ipproduca bhala xhud lil **Ian Schembri** li kien dahal jahdem mal-assocjazzjoni ftit qabel ma telaq. Skont dan ix-xhud gie dikjarat quddiemu li l-attur kellu sehem ta' 25% mill-global, wara li jitnaqssu l-ispejjez kollha u ghalhekk kien 25 % tan-Net realisable profits.*

*"Mart l-attur **Ramona Engerer**,[2] ikkoroborat il-verzjoni tieghu dwar ir-rata ta' partecipazzjoni ta' 25% li kien igawdi mill-assocjazzjoni. Qalet ukoll li zewgha kien ghamel zmien idahhal paga ta' Lm250 fix-xahar li mbaghad tela' ghal xi Lm500 fix-xahar.*

*"Konsegwentement, xehdet in **kontro-ezami** fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2003. Meta giet mistoqsija x'kienet ir-raguni li wassal lil zewgha biex*

[1] Affidavit a fol. 16 tal-process.
[2] Affidavit ezebit a fol. 29 tal- process.

*jitlaq mid-ditta konvenuta, irrispondiet li principalment kienet illi ghax-xoghol li kien qed jaghti, d-dhul ma kienx dak mistenni.*

*"Qalet li hafna mill-klijenti tieghu kienu hbieb taghhom, u li zewgha dam mad-ditta konvenuta ghal medda ta' sentejn.*

*"Xehed il-konvenut* ***Herman Depasquale****,*[3] *u ezebixxa* ***Dok HD1*** *u* ***Dok HD2****, fees received ghas-snin 1997 u 1998. Hu dahal jahdem mad-ditta Richard Attard & Co. fis-sena 1993.*

*"Spjega li f'dik l-epoka kien hemm zewg entitajiet, wahda Richard J. Attard & Co. li kienet tiehu hsieb xoghol ta' awditjar, waqt illi l-kumpanija kummercjali R.J. Attard & Co. kienet taghmel xoghol ta' accounting.*

*"Il-hidma tieghu kienet esklussivament mad-ditta Richard J. Attard & Co. u cioe' fix-xoghol ta' awditjar.*

*"Qal li l-attur dahal mad-ditta f' Jannar 1997, u l-ishma kienu nbidlu ghal 52% ghal Richard J. Attard, filwaqt li hu u l-attur kellhom 24% kull wiehed.*

*"Dak iz-zmien kien sar ftehim mieghu, ma' Richard Attard u ma' l-attur, li l-ewwel elf lira fatturati tad-ditta jmorru biex jaqtghu r-rabtiet u l-obbligi tal-kumpanija.*

*"Id-ditta kienet applikat u kisbet facilita' bankarja fl-ghamla ta' overdraft mill-APS Bank, li kienet sa Lm15,000 u dan fi Frar 1997. Pero', minhabba l-ispejjes, kienet intalbet zieda u l-Bank kien akkorda self addizzjonali ta' Lm5,000. Ghalhekk, il-kumpanija kellha liability ta' Lm20,000 mal-Bank f'forma ta' tnaqqis u mhux izjed forma ta' overdraft. Ghal din il-facilita` kienu dahlu garanti ghaliha hu, l-attur, Richard Attard, kif ukoll in-nisa rispettivi taghhom. Kienu wkoll ressqu bi plegg xi polzi ta' assigurazzjoni fuq il-hajja.*

*"Is-self ma kienx jithallas regolarment u l-arrangamenti li bihom beda jsir il-hlas tal-facilita` bdew isiru minn Novembru 2000, u cioe' wara li l-attur telaq mid-ditta. Sa dak iz-zmien il-facilita' kienet telghet ghal Lm21,600. Il-hlas li beda jsir minn Novembru 2000 kien skont ftehim iehor u ta' hlasijiet regolari ta' Lm100 fil-gimgha dovuti minnu u minn Richard Attard.*

*"Sal-gurnata tas-seduta u cioe' sal-21 ta' April 2004, spjega li kien ghad baqa' pendenti xi Lm5,500/Lm6,000 mill- facilita`.*

*"Bi ftehim li kien intlahaq bejniethom, il-klijenti li kien gab mieghu l-attur meta dahal fid-ditta, kien hadhom lura meta telaq mid-ditta.*

[3] Xhieda fis-seduta quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fit-8 ta' Frar 2002 (a fol. 38 tal-process).

*"Spjega li **Dok EE1** turi li Lm11,482.40 ghadhom flus dovuti minn debituri tad-ditta, waqt li l-attur gabar l-ammont ta' Lm2,161.64, minghajr ma hadhom id-ditta. Spjega li l-iskop ewlieni ta' dan id-dokument kien biex tinghata stampa cara dwar x'ghandha tiehu d-ditta minghand id-debituri taghha.*

*"F'pagna 51 tad-**Dok EE1** turi l-profit & Loss Account tal-Partnership. Sakemm l-attur baqa' socju fid-ditta ma kienx rega' sar ezercizzju iehor simili, sussegwenti ghal Mejju 1997.*

*"Meta xehed fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2005 huwa stqarr li:*

> *"Mistoqsi jekk l-attur illi meta halla d-ditta kien wettaq certu xoghol illi tieghu ma kienx ghadu thallas, kellux il-jedd illi jircievi s-sehem tieghu meta jsir il-qsim u nwiegeb illi dan kellu."*

*"Iddikjara ukoll li:*

> *"Nikkonferma ...li dak ix-xoghol jigifieri biex jigu determinati l-kredituri u l-ispejjez tad-ditta, baqa' sallum il-gurnata ma sarx."*

*"Spjega wkoll li s-Lm750 li l-attur kien jircievi kull xahar kien jehodhom akkont.*

*"Prattikament sa Jannar 2005 l-ammont ta' Lm11,482 baqghu ma thallsux mid-debituri murija fuq il-lista E1.*

*"Qal li la hu u lanqas l-attur qatt ma kienu azzjonisti fil-kumpanija Attard & Co. Ltd.*

*"Gew prodotti **Joseph Zammit**, u **Edwin Mifsud** klijenti tal-attur. Joseph Zammit ikkonferma li baqa' jinqeda bis-servizzi professjonali tal-attur u li d-ditti tieghu Toyland Limited hallas Lm483, filwaqt li Zammit General Stores Limited kellha thallas Lm632 bhala drittijiet professjonali lill-attur. Edwin Mifsud da parti tieghu xehed li meta l-attur telaq mid-ditta, l-bilanc li kien ghadu dovut mill-kumpanija tieghu thallas lil Edward Engerer, liema bilanc kien qrib il-Lm100. Sakemm damu jinqdew bis-servizzi professjonali tad-ditta konvenuta, il-pagamenti kienu jsiru kollha direttament lid-ditta konvenuta.*

*"Xehed **Richard Attard**, ikkonferma x-xhieda precedenti ta' Herman Depasquale. Qal li mill-bidu nett kien ghamilha cara ma' l-attur, li taht l-ebda cirkostanza ma kien se jitlef il-kontroll tad-ditta Richard Attard & Co. Iddikjara li hu minn dejjem ried izomm 52% tal-qliegh fil-kumpanija, waqt li 48% jinqasmu bejn l-attur u Depasquale.*

*"Qal li meta l-attur kien ghadu jaghmel parti mid-ditta, qatt ma kienu jaqsmu l-qligh ghaliex dan ma kienx konsistenti.*

*"Iddikjara li b'referenza ghad-**Dok JAX** (ezebit a fol. 141 tal- process) l-attur xtaq li jsir rendikont ta' management accounts fuq accruals basis,*

*liema talba ma gietx milqugha minnu peress li kien isostni li dokumenti generati fuq dak il-metodu ma kienux ikunu rejalistici.*

*"**Eccezzjoni Preliminari – Intempestivita` tal-Azzjoni***

*"Il-konvenuti eccipew li din l-azzjoni hija intempestiva peress li l-attur m'ghandux jiehu sehemu qabel ma jithallsu lill-assocjazzjoni s-somom kollha dovuti.*

*"Izda mill-provi jirrizulta li r-rendikont mitlub mill-attur ma setax jirnexxi u dan kien unikament minhabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-konvenuti, u specjalment ta' Richard Attard li zamm l-informazzjoni mehtiega kollha taht il-kontroll tieghu. Lanqas mhi impossibbli li wiehed jasal ghall-likwidazzjoni tas-sehem tal-attur, specjalment f'dan il-kaz meta id-debituri u kredituri huma maghrufa u s-sehem ta' kull socju jista jigi stabbilit.*

*"Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.*

*"**Eccezzjonijiet fil-mertu***

*"Il-konvenuti eccipew li qatt ma irrifjutaw li jghaddu l-ammont dovut lill-attur izda fl-istess waqt, bl-azzjonijiet taghhom, ghamluha impossibbli ghalih biex jillikwida l-ammont dovut. Inoltre ghamlu riferenza ghal diversi debiti tal-assocjazzjoni li dwarhom, izda, ma ressqux prova (ad es. taxxa dovuta, kontribuzzjonijiet tal-NI). Dawn huma spejjez rikorrenti li normalment huma inkorsi matul il-gestjoni ta' kwalunkwe professjoni. Minnhabba karenza ta' prova il-Qorti ser tghaddi ghal-likwidazzjoni fuq bazi arbitrio boni viri kkalkolat abbazi tad-dhul nett li s-socji stess stabbilew ghalihom. Wiehed jifhem ghalhekk li meta stabbilew dawn l-ammonti gja hadu in konsiderazzjoni l-ispejjez rikorrenti li jkollhom jirrinfaccjaw ghall-operat professjonali taghhom.*

*"Dwar is-self mill-Bank APS jirrizulta li dan is-self ittiehed mill-komparenti kollha u li lkoll iggarantixxu l-hlas favur il-Bank. Il-Qorti ghalhekk ser tiehu konjizzjoni tad-dejn fil-konsiderazzjonijiet finali taghha.*

*"**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt***

*"Mhuwiex kontestat mill-partijiet li kienu socji f'ditta ta' awdituri bl-isem Richard J Attard & Co. ghalkemm ma jaqblux fuq ir-rata ta' partecipazzjoni tal-attur f'din is-socjeta`.*

*"**L-Artikolu 1644** tal-Kodici Civili jikkontempla n-nozjoni ta' socjeta' u jiddefiniha bhala "kuntratt li bih tnejn minn nies jew izjed jiftiehmu li jqieghdu xi haga in komun, sabiex jaqsmu l-qligh li b'hekk jistghu jiehdu" waqt li **l-Artikolu 1650** jiddefenixxi socjeta' partikolari bhala "dik li jkollha b'oggett xi hwejjeg partikolari, jew l-uzu taghhom, jew il-frottijiet*

*li jistghu jittiehdu minnhom, jew xi impriza partikolari jew l-ezercizju ta' xi sengha jew professjoni".*

*"Fil-kaz in dizamina l-oggett tal-assocjazzjoni huwa l-ezercizju tal-professjoni ta' awditur fil-konfront tal-klijenti taghha.*

*"Izda fl-Artikolu 1233 (f) tal-Kodici Civili Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta li jirregola Socjetajiet bejn Terzi - "Civil Partnerships", insibu li l-ligi timponi ad validitatem u mhux ad porbationem tantum, il-forma skritta fil-kaz tas-socjetajiet civili u li fil-kaz ta' skrittura privata din ghandha, taht piena ta' nullita', tigi ffirmata mill-partijiet kollha.*

*"Ghalhekk f' dan il-kaz in dizamina, ghalkemm ma nghatat ebda eccezzjoni f' dan is-sens, huwa essenzjali – ghad-determinazzjoni tad-definizzjoni tar-rabta u rapport ezistenti bejn il-kontendenti – li jigi stabbilit jekk il-ftehim bejn il-founder members kienx sar bil-mitkub; ghax fin-nuqqas ta' tali ingredjent ta' forma, il-figura ta' socjeta' Civili ma tistax tikkonfigura. Difatti ma saret l-ebda prova dwar kitba li tirregola s-socjeta' u l-partijiet huma konkordi li kitba simili ma saritx.*

*"Fil-kawza odjerna kellu jsir pooling ta' certu xoghol professjonali u distribuzzjoni ta' profitti bejniethom, b'Richard Attard, inkarigat mill-parti ammistrattiva ta' l-assocjazzjoni. Minn dak li johrog mir-rizultanzi processwali, dak li jezisti bejn il-kontendenti huwa ftehim konsistenti f' semplici "contribution and division of profits" u ma humiex applikabbli ghalih in-normi li jigvernaw is-socjetatijiet civili a tenur tal-Artikoli 1644 et seq. tal-Kodici Civili.*

*"Illi in tema legali gie osservat mill-gurisprudenza interpretattiva li trattandosi ta' assocjazzjoni, il-massa tal-qligh igib stat ta' komunjoni pro tanto bejn l-assocjati u ghalhekk huma applikabbli r-regoli tal-komunjoni – (App. Kumm.* ***- Giuseppe Zammit vs Carmelo Zahra -*** *14.11.1958), u ghalhekk ukoll ikun necessarju li ssir il-likwidazzjoni jew inkella dak is-socju illi jkollu l-kotba f'idejh jaghti kont regolari ta' l-attivita' ta' dik is-socjeta' ghall-imghoddi, ghaliex mhux gust illi dak is-socju jibqa' sejjer b'kollox a dannu ta' haddiehor - (****Giovanni Lanzon vs Giuseppe Vella*** *– App. Civ. 12 ta' Jannar 1948).*

*"Illi b' applikazzjoni ta' dawn il-principji, l-attur fil-kaz in dizamina, kellu d-dritt li jesigi r-rendiment tal-kontijiet da parti ta' minn huwa inkarigat mill-amministrazzjoni ta' l-assocjazzjoni, kif ukoll jitlob, kif ghamel, il-likwidazzjoni ta' sehemu mill-assocjazzjoni u dan in bazi ghall-principju li hadd m'hu obbligat jibqa' fi stat ta'* ***komunjoni. [Art.496 tal-Kap.16].***

*"Ta' min jinnota li bejn il-kontendenti ma hemmx relazzjoni ta' imghallem u impjegat, izda, kif fuq indikat, kien hemm stat ta' komunjoni li seta' jigi terminat b'rikjesta ghax-xoljiment tal-komunjoni u l-konsegwenzjali likwidazzjoni.*

*"Jigi osservat in propositu, li l-process ta' likwidazzjoni jinvolvi komputazzjoni tal-valur tas-sehem ta' l-assocjati, kif ukoll, il-valur finanzjarju tal-kontribut inizjali tal-membri li waqqfu l-assocjazzjoni.*

*"Dak li kellu dritt jitlob l-attur huwa x-xoljiment, u likwidazzjoni ta' dak li hu dovut lilu ghax-xoghol li kien ghamel qabel it-talba ghall-likwidazzjoni, u tal-klijenti li originarjament huwa kien gab lil grupp biex setghet titwaqqaf l-assocjazzjoni. Illi anke f'dan ir-rigward tapplika l-massima onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-oneru ta' l-attur li jressaq provi u jitlob il-produzzjoni tad-dokumenti mehtiega sabiex tkun tista' ssir tali likwidazzjoni.*

*"Mill-assjem tal-provi jirrizultaw is-segwenti kostatazzjonijiet:-*

*"i. Li l-attur gab klijenti mieghu meta dahal fid-ditta.*
*"ii. Li meta telaq diversi klijenti baqghu mieghu.*

*"iii. Ghandu jigi addebitat l-ammonti ta' Lm300 u Lm2,161.64 peress li ghandu jitqies li gja thallas taghhom.*

*"iv. Id-debtor's list* ***Dok EE1*** *datat 9/3/1999 juri li d-ditta kellha tigbor Lm35,495.76 li, skont Herman Depasquale, kien ghad fadlilhom jigbru Lm11,482.40.*

*"v. Il-partijiet kienu jithallsu permezz ta' drawings on account u mhux b'salarju. L-attur u Herman Depasquale kienu jithallsu bejn Lm500 u Lm750 fix-xahar filwaqt li Richard Attard kien jithallas id-doppju.*

*"vi. Somma ta' Lm1,000 fix-xahar kienet tithallas biex taghmel tajjeb ghad-dejn tal-assocjazzjoni li minnha Lm400 fix-xahar kienet tithallas lill-kumpanija ta' Richard Attard. (Ara xhieda ta' Richard Attard in kontro-ezami a fol. 147). Attard qal ukoll "M'inhiex cert pero` jekk l-attur kont gharraftu li l-kumpanija kienet qieghda tiehu madwar Lm400 fix-xahar minn dawk l-Lm1,000.*

*"vii. Fil-kors tal-assocjazzjoni taghhom, il-partijiet kienu ottjenew overdraft facility mill-APS Bank Limited ta Lm15,000 u sussegwentement self ta' Lm5,000. Dan is-self li ghalih ghamlu tajjeb il-partijiet personalment, beda jithallas lura wara li telaq l-attur mid-ditta u b'poloz ta' assikurazzjoni taghhom li minnhom f'isem Richard Attard issarraf u l-valur percepit gie akkreditat lil-loan.*

*"**Qaghada Finanzjarja***

*"Il-konvenuti sostnew li d-ditta kienet f'qaghda finanzjarja xejn tajba meta telaq l-attur. Izda ma pproducew ebda dokument biex juru li kienu qed joperaw b'telf. Wiehed jippretendi li ditta ta' accountants tipproduci accounts regolarment mizmuma u minghajr ebda dilungar, izda il-konvenuti llimitaw ruhhom biex jipproducu statements bankarji dwar is-self mill-Bank APS, u ddikjaraw li mill-pagamenti dovuti mill-klijenti*

*taghhom (ammontanti ghall Lm35,495.76 ) kien ghad faddlilhom jigbru total ta' Lm11,482.40 (Ara xhiedha ta' Hermann Depasquale). Ghalhekk gabru kwazi zewg terzi mill-ammont dovut. Inoltre l-informazzjoni esebita bhala* ***DOK HD1*** *u* ***HD2 (Income and Expenditure Account)*** *mill-istess konvenut Depasquale, juri li fis-sena 1997 ircevew bhala fees Lm34,065 u Lm41,850 fis-sena 1998. Inoltre dawn id-dokumenti, li huma ffirmati mill-assocjati kollha juru li kien hemm Lm11,754 u Lm15,884 rispettivament bhala "Excess of Income over Expenditure."*

*"Apparti dan kollu, l-assocjazzjoni baqghet thallas Lm400 fix-xahar lill-kumpanija ta' Richard Attard.*

*"Jidher, inoltre mid-dokument EE1 li kellhom a good client base.*

*"Ghalhekk il-Qorti tista' tikkonkludi li l-qaghda finanzjarja ma kenitx hazina kif jixtiequ jpinguha l-konvenuti ghaliex il-figuri li ghandha quddiemha juru ben altru.*

***"Rata ta' partecipazzjoni***

*"Dwar ir-rata ta' partecipazzjoni tal-attur, hemm konflitt bejn il-verzjoni tieghu u dik tal-konvenuti. Dawn jghidu li sehemu hu ta' 24% u mhux 25%. Madanakollu il-verzjoni tal-attur huwa kkorroborat mix-xhieda mhux biss ta' martu imma ta' Ian Schembri li sahaq li Richard Attard kien semmielu din ir-rata ta' 25% fir-rigward tal-attur quddiemu stess: "Il-persentaggi tal-ishma kienu maqsumin bejn Richard Attard, Edward Engerer u Herman Depasquale, kienu ssemmewli mis-Sur Attard innifsu bhala hamsin fil-mija u hamsa u ghoxrin fil-mija rispettivament."*[4]

*"Il-Qorti tenut kont ta' din il-korroborazzjoni ser taccetta t-tezi tal-attur li l-partecipazzjoni tieghu kienet fir-rata ta' 25% mill-qligh.*

***"Kontabbilta`***

*"Riferibbilment ghall-'management account' esebit bhala DOK JAX (fol 141) jidher li filwaqt li Lm3,527 kien akkreditat lil Richard Attard, Lm811.50 kull wiehed kellu jithallas lill-attur u lil Herman Depasquale rispettivament ghall-perjodu Jan-May 1997. L-konvenut Attard spjega li management accounts ma regghux saru ghaliex "dak id-dokument kien iggenerat fuq sistema ta' accruals basis." (fol. 148).*

*"Dwar dan id-difensur tal-konvenuti taghmel referenza fin-Nota Responsiva taghha (fol. 172) ghal* ***Dok EE2*** *profit & loss account fejn l-attur ha in konsiderazzjoni l-ammont ta' Lm1,871.00 li nhadem fuq accruals basis liema sistema giet deskritta mid-difensur tal-konvenuti bhala wahda "mhux daqstant realistika", kuntrarjament ghas-sistema tal- cash basis.*

---

[4] Fol. 76 tal-process in kontro-ezami.

*“F’**Spicer and Pegler’s** fil-ktieb Book-keeping and Accounts (pg 161) insibu li:*

> *“Accruals Concepts: Revenue is included in accounts when earned rather than when money is received. Costs are included when incurred rather than when paid. Revenues dealt with in the profit and loss account are then matched with associated costs in order to determine profit.”*

*“Fil-ktieb Cornerstones of Financial and Managerial Accounting ta’ **Jefferson P. Jones, Dan L. Heitger, Maryanne M. Mowen u Don R. Hansen** insibu li :*

> *“Under cash-basis accounting, revenue is recorded when cash is received, regardless of when it is actually earned. Therefore, cash-basis accounting does not link recognition of revenues and expenses to the actual business activity but rather the exchange of cash. In addition, by recording only the cash effect of transactions, cash-basis financial statements may not reflect all of the assets and liabilities of a company at a particular date. For this reason, most companies do not use cash-basis accounting.*
>
> *“Accrual-basis accounting is superior to cash-basis because it links income measurement to selling, the principal activity of the company. In contrast to cash basis accounting, accrual accounting is a more complex system that records cash and non cash transactions.”*

*“Hu principju ben maghruf fil-kontabbilta’ li l-kotba tal-kummercjant ghandhom jharsu l-principji maghrufa bhala l-“matching” u l-“accruals” u l-kotba jinzammu fuq il-principju ta’ accruals accounting u mhux cash accounting, u cioe’ li d-dhul kollu kemm hu ffatturat u li ghalih gja thallas tieghu, kif ukoll dak d-dhul iffatturat imma ghadu ma thallasx tieghu, jew dak id-dhul li jirrapprezenta xoghol li sar imma ghadu ma giex iffatturat ghandu jigi mqabbel ma’ l-ispejjez kollha kemm dawk li ghalihom il-kummercjant ircieva fattura, kif ukoll stima ghal dawk l-ispejjez li jappartjenu ghal sena fiskali imma li ghalihom ma jkunx ghadu rceva l-fattura (Accruals). Wara li jsir dan biss li wiehed ikun jista’ jasal ghall-qligh jew telf. Fin-nuqqas, ma tohrogx stampa cara ta’ kemm verament wiehed ikun ghamel qligh jew telf, u dan semplicement ghaliex taht il-cash accounting wiehed ma jirrikonoxxix dhul jekk ma ga thallasx tieghu u ma jaghtix kaz ta’ spejjez jekk ma jkunx irceva fattura.*

***“Likwidazzjoni 'Arbitrio Boni Viri'***

*“Jirrizulta ammess mill-konvenuti li l-attur ma kellux access ghall-informazzjoni necessarja sabiex is-sehem tieghu jigi stabbilit u likwidat. Difatti l-konvenuti t-tnejn ammettew li l-'management accounts' **(DOK JAX1)** qatt ma saru izjed wara l-ewwel xhur tas-sena 1997 u l-ahhar 'balance sheet' li nghatat lill-attur kienet dik ghall-istess perjodu (Jan-May 1997).*

*"Din il-Qorti ssibha ghal kwantu stramba li ditta ta' awdituri ma kienux jaghtu rendikont perjodiku lil xulxin dwar l-amministrazzjoni tad-ditta, dwar id-dhul u hrug, assi u djun u li ma nzammitx kontabbilta' regolari. Inoltre l-attur talab ripetutament li jinghata l-accounts imma gie injorat kif gie ammess mill-konvenuti stess fix-xhieda taghhom. Ghalkemm mhumiex kummercjanti, professjonisti huma obbligati li jzommu sistema ta' kontabbilta` ai fini tat-taxxa u VAT u r-riluttanza manifesta tal-konvenuti li jipprovdu 'profit and loss accounts' u 'balance sheet' ghall-perjodu in kwistjoni ma treggix meta bilfors kellhom jipprovdu din l-informazzjoni lill-awtoritajiet tat-taxxa u VAT.*

*"Kien ghalhekk impossibbli ghall-attur li jressaq il-prova tal-konsistenza tal-assi u tal-profit & loss ghall-perjodu in kwistjoni sabiex jistabilixxi bir-reqqa is-sehem spettanti lilu. Din l-informazzjoni kienet fil-pussess u taht il-kontroll tal-konvenuti li ma kkooperaw xejn mat-talbiet gustifikati tieghu.*

*"L-attur ma baqaghlux xelta hlief li jistrieh fuq talba ghall-likwidazzjoni arbitrio boni viri, peress li d-dritt li kellu sabiex jitlob li jigi pprezentat rendikont tal-amministrazzjoni baqa' ma giex esegwiet. Kieku sar u gie accettat, kien iservi bhala bazi ghal-likwidazzjoni tal-kumpens.*

*"Il-Qorti ghalhekk ser taghmel is-segwenti kalkoli:-*

*"a) Is-socji kienu jiehdu drawings on account bejn Lm500 u Lm750 fix-xahar u ghalhekk il-Qorti ser tiehu bhala bazi l-ammont medju ta' dhul issuggerit mid-difensur tal-attur ta' Lm620 fix-xahar li, ghall-perjodu bejn Jan 1997-April 1999 jaghmel Lm620 X 28 xahar =* ***Lm17,360*** *hlas akkont ta' sehemu* ***€40,437.92****;*

*"b) Id-dhul li l-partijiet kienu qablu li ghandhom jircievu mid-ditta mensilment kien ta' Lm750 kull wiehed ghall-attur u ghal Herman Depasquale rispettivament, u Lm1,500 ghall-Richard Attard - b'kollox dhul miftiehem li kien jammonta ghal Lm3,000 fix-xahar. Fid-****Dok. EE2*** *dan jidher li baqa' kostanti ghaliex taht Partners' Allowance hemm imnizzel l-ammont ta' Lm15,000. Ma' dan wiehed ghandu jzid Lm4,490 ibbazat fuq il-qligh nett ta' Lm1,871 ddikjarat ghal hames xhur tas-sena 1997 (****Dok. EE2****). Ghalhekk id-dhul li kien hemm ghad-distribuzzjoni bejn il-partijiet globalment kien ta' Lm36,000 + Lm4,490 = Lm40,490 fis-sena - €94,316.33. Il-Qorti taqbel mas-suggeriment tal-attur li hu ragjonevoli li dan ghandu jizdied bir-rata ta' 10% kull sena.*

*"c) Il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-attur li ma' dan ghandu jizdied l-ammont ta' mill-inqas Lm12,000 fis-sena rapprezentanti work in progress peress li parti mix-xoghol li sar kemm qabel ma dahal fid-ditta bhala socju kif ukoll tul il-perjodu in ezami huwa rifless fid-debtor's list li jinkludi ammonti dovuti minn klijenti li baqghu jahdmu mal-attur. Il-Qorti izda ser tillikwida arbitrio boni viri ammont ta' €10,000 li ghandu jithallas lill-attur bhala sehemu mill-work in progress. Kwalsiasi somma*

*dovuta lill-attur ulterjorment meta jsiru il-konteggi kif suppost ser jigi kontrakkambjat peress li l-Qorti mhix ser tnaqqas minn sehemu:-*

*"i. l-ammont li ghadu ma thallasx mid-debituri tad-ditta (25% ta' Lm11,482.40);*

*"ii. Is-sehem dovut ghall-hlasijiet li gja saru lil APS Bank Limited fuq il-loan u overdraft account qabel il-cut off date imsemmi fil-paragrafu segwenti.*

*"d) Madanakollu l-attur ghandu jhallas 25% tal-bilanc rimanenti dovut lil APS Bank Limited b'cut off date li qed jigi stabbilit ai fini ta' din is-sentenza fil-11 ta' April 2003 fejn il-bilanc (qabel ma tnaqqas is-surrender value ta' polza ta' assikurazzjoni f'isem Richard Attard) hu ta' Lm13,085 - sehem l-attur hu ghalhekk fl-ammont ta' Lm3,271.25 minn dan id-dejn.(€7619.96).*

*"e) L-attur ghandu jinghata kreditu ta' 25% tas-somma ta' Lm400 imhallas kull xahar mid-ditta lill-kumpanija R.J. Attard & Co. Ltd tul il-perjodu ta' 28 xhur in ezami u dan ghaliex dawn il-hlasijiet saru lill-kumpanija li fiha l-attur ma kellu ebda sehem, interess jew beneficcju. Inoltre jirrizulta mix-xhieda ta' Richard Attard stess, li huwa s-socju flimkien ma' martu f'din il-kumpannija, x'aktarx l-attur lanqas kien jaf b'dawn il-hlasijiet li bbenefikaw biss lil Richard Attard indirettament. Bhala kompartecipi fir-rata ta' 25% ghandu kreditu ghal dawn il-benefikati ammontanti ghal Lm25% ta' Lm400 X 28 = Lm2,800 (€6522.24). Dan il-kreditu hu dovut biss fil-konfront ta' Richard Attard li gawda esklussivament mill-benefikat rapprezentat minn dawn il-hlasijiet.*

***"Likwidazzjoni Finali***

*"Ghaldsaqstant il-Qorti waslet ghas-segwenti komputazzjonijiet arbitrio boni viri u qed tistabbilixxi s-sehem tal-attur skont dan li gej:-*

| | |
|---|---|
| *"Ghas-sena 1997 - 25% ta' Lm40,490 -* | *Lm10,122* |
| *"Ghas-sena 1998 - 25% ta' Lm44,539 -* | *Lm11,135* |
| *"Ghas-sena 1999 (hames xhur)( Lm48,992.9) -* | *Lm 4,082.* |
| ***"Total Dovut -*** | ***Lm25,339 = € 59,023*** |

***"Hlasijiet jew krediti gja percepiti:-***

| | |
|---|---|
| *"€40,437 + €698 (Lm300) + €5,035 (2,161.64)* | *€46,170* |
| *"Bilanc dovut lill-attur* | *€12,853*+ |
| ***"Ma' dan wiehed ghandu jzid:-*** | |
| *"Sehem mill-works in progress* | *€10,000* |
| | ***€22,853*** |

*"Minn dan it-total ghandu jitnaqqas sehemu mid-dejn dovut lill-APS Bank Limited* *<u>€7,619.96</u>* -
***"Total nett dovut mill-konvenuti*** ***€15,233***

***"Kreditu kontra Richard Attard wahdu (Lm2,800) : -*** ***€6,522***";

3. L-appellanti appellaw mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell imressaq minnhom fis-6 ta' Diċembru, 2013, u li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti jogħġobha tħassar is-sentenza appellata billi tiċħad it-talbiet kollha tal-appellat u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrih;

4. Fir-Risposta tal-Appell imressqa minnu fis-17 ta' Diċembru, 2013, l-appellat qal li l-aggravji mressqa ma jmisshomx jintlaqgħu u li din il-Qorti għandha tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti u b'dan li fuq is-somma likwidata mill-ewwel Qorti l-imgħax għandu jimxi minn dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata sal-jum tal-ħlas effettiv;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-8 ta' Jannar, 2019;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ftuħ ta' din il-kawża jirrigwardaw i-tluq tal-appella minn mad-ditta ta' awdituri li l-appellanti kellhom sehem fiha flimkien mal-istess appellat. Dwar dan ma jidhirx li hemm nuqqas ta' qbil. Mill-atti tal-kawża joħroġ li l-kwestjoni bejn il-partijiet kienet tirrigwarda l-ħlas ta-sehem li seta' kien għadu dovut lill-appellat u wkoll x'kien is-sehem veru tiegħu fid-ditta, ladarba ma jidhirx li kienet saret xi kitba biex tfisser dan. Kemm hu hekk, l-ewwel Qorti kienet sabet li wieħed lanqas seta' jitkellem dwar soċjetà ċivili esistenti bejn il-partijiet fil-kawża għaliex il-liġi titlob is-sura kostitutiva tagħha b'kitba *ad validitatem*[5]*.* Madankollu, lanqas l-appellanti ma jiċħdu li kellha ssir xi għamla ta' likwidazzjoni mat-tluq mid-ditta tal-appellat. Fl-ewwel u fit-tieni eċċezzjonijiet tagħhom jaċċettaw li kellhom isiru l-konteġġi, imma jgħidu li sa dak iż-żmien dan l-eżerċizzju ma kienx għadu jista' jsir;

9. Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ma laqgħetx l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-appellanti, jiġifieri dik tal-intempestività tal-azzjoni attriċi. Minn dik il-parti tas-sentenza l-appellanti ma ressqux aggravju, u għalkemm fir-Rikors tal-Appell tagħhom jitolbu li din il-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom. Il-Qorti qiegħda tqis li, ladarba fir-Rikors tal-Appell tagħhom l-appellanti ma reġgħu semmew bl-ebda mod l-ewwel

[5] Art. 1233(1)(f) tal-Kap 16

eċċezzjoni preliminari tagħhom, dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet l-imsemmija eċċezzjoni tikkostitwixxi ġudikat bejn il-partijiet[6] u mhux sejra terġa' tikkunsidraha;

10. Illi l-appellanti jqajmu żewġ **aggravji mis-sentenza appellata**: l-ewwel aggravju huwa dwar l-attribuzzjoni tas-sehem tal-appellat fid-ditta fil-proporzjon ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%); it-tieni aggravju jirrigwarda l-metodu li bih l-ewwel Qorti wettqet il-likwidazzjoni tal-ħlas dovut lill-istess appellat;

11. Illi dwar l-**ewwel aggravju**, l-appellanti jilmintaw mill-fatt li l-ewwel Qorti ma qagħditx fuq ix-xhieda diretta tagħhom li kienet tgħid li l-appellat kellu sehem ta' erbgħa u għoxrin fil-mija (24%) fid-ditta, u minflok qagħdet fuq xhieda oħrajn li ma setgħux kienu f'qagħda tajba daqshom biex jitkellmu fuq ħaġa bħal din;

12. Illi, min-naħa tiegħu, l-appellat jisħaq li dan l-aggravju ma huwiex mistħoqq. Minbarra li l-appellanti ma jżidu xejn aktar ma' dak li kienu issottomettew quddiem l-ewwel Qorti, hu jgħid li li dak li xehdu l-appellanti jmur kontra l-provi mressqa minnu u wkoll miċħud minn fatti li jmorru lura għal żmien qabel ma nfteħet il-kawża, u li, f'kull każ, l-appell ma għandux

[6] Art. 143(1) tal-Kap 12

iservi biex din il-Qorti tindaħal fid-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti għal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti;

13. Illi huwa minnu li dan l-ewwel aggravju jattakka l-eżerċizzju mwettaq mill-ewwel Qorti fuq l-apprezzament tal-provi mressqa quddiemha mill-partijiet. Kemm-il darba ngħad li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mibni fuq il-fatti proċesswali[7]. Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) qalet li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-*

[7] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius vs Piju Theuma***

*Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[8];

14. Illi, minbarra dan, huwa stabbilit ukoll li f'każ fejn qorti jkollha quddiemha verżjonijiet li ma jaqblux ma' xulxin, jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.[9] Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[10];

15. Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[11] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[12]. Jiġri li mhux rari li ż-żewġ partijiet iressqu verżjonijiet għal kollox konfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda

[8] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***
[9] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[10] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[11] Art. 562 tal-Kap 12
[12] Art. 559 tal-Kap 12

bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[13] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li *actore non probante reus absolvitur*.[14] Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[15];

16. Huwa magħruf ukoll li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli[16]. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[17]. Fuq kollox, dak li jgħodd f'kawża mhuwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "*il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen*

---

[13] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[14] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Savings Caternig Co Ltd***
[15] Maġ. (Għ) AE **18.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***John Baptist Spiteri vs Michael Calleja***(mhix appellata)
[16] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[17] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***

*aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verità, il-verità kollha, u xejn anqas minn dik il-verità kollha*"[18];

17. Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu kienu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Huwa għalhekk id-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet[19];

18. Illi wara li din il-Qorti qrat sewwa x-xhieda mogħtija mill-partijiet u rat xi provi dokumentali rilevanti li jistgħu jixħtu dawl fuq din il-kwestjoni[20], hija tasal għall-fehma li ma ssib xejn irraġonevoli fl-aċċertament li għamlet l-ewwel Qorti meta kienet qiegħda tqis l-ewwel talba tal-appellat. Bit-tħaddim tal-prinċipji li għadhom kemm issemmew, joħroġ li l-ewwel Qorti mxiet b'għaqal fl-apprezzament tal-provi kif imressqin quddiemha mill-partijiet. Dak l-apprezzament kien imsejjes fuq provi diretti u, fin-nuqqas ta' kitbiet li jmieru dak l-apprezzament, wieħed kien jistenna li s-sehem fid-ditta li l-appellat kien jippretendi li għandu kien dak li l-ewwel Qorti

---

[18] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et***
[19] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Galea vs Ġużeppi Galea*** (mhix appellata)
[20] Ara, b'eżempju, Dokti "HD1" u "HD2", f'paġġ. 34 – 5 tal-proċess

qalet li kellu. Ma huwiex lanqas minnu li x-xhieda mogħtija minn Ian Schembri kienet xiehda indiretta, għaliex dak li qal l-imsemmi xhud (u tennih waqt kontro-eżami serrat) kien il-kliem innifsu ta' wieħed mill-appellanti. Mix-xhieda mogħtija mill-appellant Depasquale quddiem l-ewwel Qorti[21], ħareġ li d-dħul għal kull wieħed mit-tliet soċji tad-ditta kien jaqbel mal-proporzjon ta' ishma kif jippretendi l-appellat u mhux kif l-appellanti jgħidu li kienu. L-argument tal-appellant Attard li huwa ried li, akkost ta' kollox, iżomm il-maġġoranza fid-ditta ma jitwaqqax bil-fatt li l-appellat jinstab li kellu interess ta' wieħed minn erbgħa ($^{1}/_{4}$) fl-istess ditta: bl-ishma kif determinati mill-ewwel Qorti, l-appellant Attard kien se jibqagħlu l-akbar sehem u, lanqas iż-żewġ assoċjati l-oħrajn flimkien ma kienu se jkollhom kwoti ta' ishma li jaqbżu l-kwota tiegħu. Fuq kollox, dwar din il-kwestjoni tal-ishma, l-appellanti ma ressqu quddiem din il-Qorti l-ebda argument ġdid minn dawk li kienu ressqu quddiem l-ewwel Qorti qabel ma ngħatat is-sentenza appellata;

19. Illi għalhekk din il-Qorti ssib li dan l-ewwel aggravju mhuwiex mistħoqq u mhix sejra tilqgħu;

20. Illi t-**tieni aggravju** jirreferi għal-likwidazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti tal-ħlas li kien dovut lill-appellat mat-tluq tiegħu mid-ditta. Dan l-aggravju wkoll sa ċertu punt jattakka l-eżerċizzju magħmul mill-ewwel

---

[21] Paġ. 94 tal-proċess

Qorti fl-apprezzament tagħha tal-provi mressqa. Bl-imsemmi aggravju, l-appellanti jilmentaw minn erba' (4) taqsimiet tal-proċess tal-likwidazzjoni mwettaq fis-sentenza appellata – (i) kalkolu ħażin mill-ewwel Qorti tal-medja tad-dħul meħud mill-appellat kull xahar bħala '*drawings on account*'; (ii) il-kalkolu diskrezzjonali tal-ewwel Qorti dwar kemm kien maħsub li jiżdied kull sena d-dħul tal-appellat sakemm idum fid-ditta; (iii) il-kalkolu mill-ewwel Qorti ta' sehem l-appellat mill-'*works in progress*' u (iv) l-imputazzjoni favur l-appella ta' kwart mill-ammont li kull xahar kien jitħallas mid-ditta lil kumpannija (tal-appellant Attard) li hu ma kellu l-ebda sehem fiha;

21. Illi dan l-aggravju jrid tabilfors jitqies fil-qafas taċ-ċirkostanza li l-ewwel Qorti kellha tasal għal likwidazzjoni *arbitrio boni viri*. Dik il-Qorti tat raġunijiet tajbin biżżejjed għalfejn kellha tirrikorri għal dak l-għamla ta' eżerċizzju. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura f'dak li kellha tagħmel l-ewwel Qorti għaliex f'ċirkostanzi fejn l-ammont pretiż ma jistax jirriżulta b'mod preċiż, jaqa' fuq kull qorti d-dmir li tillikwida '*ex aequo et bono*'[22] u l-Qorti jifdlilha dejjem is-setgħa diskrezzjonali li tillikwida l-ammont pretiż fuq il-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva[23], imbasta tħares b'reqqa l-elementi kollha li joħorġu mill-atti tal-kawża u ssejjes il-fehma tagħha fuq motivazzjoni loġika li tagħti ħjiel xieraq ta' kif wieħed ikun

[22] P.A.PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Attard vs Carmela Frendo et***

[23] Kumm. **6.6.1951** fil-kawża fl-ismijiet ***Laferla noe vs Cachia pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXV.iii.615**)

wasal għal dik il-likwidazzjoni[24]. Din il-Qorti tqis li dan għandu jsir, mhux biex qorti tissuplimenta għan-nuqqas tal-parti li tippretendi l-likwidazzjoni milli twettaq id-dmir tagħha li tipprova l-każ tagħha sal-grad meħtieġ[25], imma sewwasew għaliex dik il-parti ma tkunx f'qagħda li tikkontrolla u ġġib il-provi meħtieġa[26]. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax ukoll f'dan ir-rigward, li l-ewwel Qorti tqiegħdet fis-sitwazzjoni li jkollha tillikwida '*boni viri*', mhux għaliex l-appellat naqas milli jressaq kif imiss il-każ tiegħu bi provi tajba, imma għaliex kien b'nuqqas tad-ditta nnifisha – biex ma jingħadx ukoll tal-appellanti – li l-provi tajbin u pertinenti li fuqhom l-ewwel Qorti setgħet tagħmel likwidazzjoni iżjed preċiża matematikament ma setgħetx issir u dan jew għaliex żammew għandhom dokumentazzjoni rilevanti jew għaliex qalu li ma setgħux isibuha. Madankollu, miċ-ċirkostanzi li ħarġu mill-provi li setgħu jitressqu, ħareġ li l-appellat kien għadu 'kreditur' tad-ditta u minn hemm'il quddiem kienet tkun inġustizzja li l-ewwel Qorti tonqos li tgħaddi għal likwidazzjoni għar-raġuni biss li ma kellhiex f'idejha provi aktar preċiżi minn dawk li tressqu quddiemha;

22. Illi għar-rigward tal-ewwel kawżali f'dan l-aggravju, l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti ma fissritx għalfejn għażlet li tadotta l-medja fix-xahar ta' dħul bħala '*drawings on account*' li issuġġerielha l-appellat[27], bla ma tat spjega għalfejn għażlet hekk. Huma jgħidu li l-ħlas akkont li l-

[24] App. Ċiv. **8.7.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Tonna vs Cremona noe*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.1285**)
[25] App. Ċiv. **27.10.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi Home Furnishings Ltd. et vs Italgreen SpA***
[26] App. Ċiv. **29.4.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Wilhelmina Abela noe et vs Alex Ċiantar et***
[27] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu f'paġ. 170 tal-proċess

appellat għandu jirriżulta li kien tħallas matul iż-żmien li kien għadu jaħdem mad-ditta kellu jkun ogħla minn dak kalkulat mill-ewwel Qorti;

23. Illi għal dan l-ilment l-appellat iwieġeb b'mod ġeneriku billi jgħid li huwa ma jsib xejn oġġezzjonabbli għall-mod kif l-ewwel Qorti waslet għal-likwidazzjoni tagħha, għalkemm ifakkar li huwa kien issottometta li kien jistħoqqlu somma ogħla minn dik li l-ewwel Qorti illikwidat;

24. Illi jidher li l-ilment tal-appellanti taħt dan l-aggravju huwa mistħoqq. Jista' jingħad li dwar din il-ħaġa hemm qbil bejn iż-żewġ naħat li, għall-ewwel ħames (5) xhur minn meta l-appellat daħal fid-ditta, id-dħul tiegħu u tal-appellant Depasquale bħala '*drawings on account*' kienu ta' ħames mitt Lira Maltin (Lm 500) fix-xahar u minn hemm 'il quddiem telgħu għal seba' mija u ħamsin Lira Maltija (Lm 750) kull xahar u baqgħu ma nbidlux sal-waqt li huwa ħalla d-ditta f'April tal-1999. Din kienet ċifra li setgħet tkun determinata matematikament bla ma kien meħtieġ li jitqies ammont maħdum fuq medja. Il-medja proposta mill-appellat fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu jidher li qieset li d-'*drawings on account*' żdiedu wara erbatax-il (14) xahar u mhux wara ħames (4) xhur u b'hekk, il-medja ġiet turi somma anqas minn dik li tabilħaqq kien ħa. Għalhekk, din il-Qorti sejra tqis li l-appellat kien ħa b'valur ta' sitta u erbgħin elf u ħames euro (€ 46,005) bħala '*drawings on account*' matul iż-żmien li kien ħadem fid-

ditta u sejra taġġusta konformement il-likwidazzjoni li għamlet l-ewwel Qorti;

25. Illi t-tieni kawżali tal-ilment tal-appellanti dwar it-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti aċċettat li d-dħul tad-ditta kien sejjer jiżdied b'għaxra fil-mija (10%) kull sena bħala fatturat ta' xogħol magħmul lill-klijenti tagħha. Huma jgħidu li dik l-għażla tal-ewwel Qorti ma hijiex spjegata u l-kalkolu milħuq bis-saħħa tagħha huwa għal kollox diskrezzjonarju;

26. Illi l-Qorti tqis li l-għażla mwettqa mill-ewwel Qorti hija parti mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha li tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet li jressqu quddiemha l-partijiet u liema eżerċizzju jagħmel parti mis-setgħat mogħtijin lil kull qorti. L-appellanti jridu jgħidu li d-ditta ma kinitx f'qagħda finanzjarja tajba u li żgur ma kinitx se tirreġistra t-tkabbir li attribwitilha l-ewwel Qorti. Madankollu, mill-ftit provi mressqa, intwera li matul ix-xhur li l-appellat dam jaħdem mad-ditta żdied kemm l-għadd ta' klijenti u kif ukoll il-valur tas-servizzi mogħtija lilhom mid-ditta. Meta l-ewwel Qorti ġiet biex tillikwida dan it-tkabbir qagħdet fuq l-aktar stima konservattiva (l-appellat kien ippropona żidiet sa ħmistax fil-mija fis-sena) u din il-Qorti ma għandha l-ebda xrara ta' prova oħra jew aħjar biex twaqqa' dik id-diskrezzjoni;

27. Illi għalhekk, din il-parti tal-aggravju mhijiex sejra tintlaqa';

28. Illi t-tielet kawżali tal-ilment imqajjem mill-appellanti taħt dan l-aggravju jirrigwarda l-likwidazzjoni fis-somma ta' għaxart elef euro (€ 10,000) li l-ewwel Qorti għamlet dwar il-'*works in progress*'. Huma jgħidu li dik il-likwidazzjoni ma qisitx li ma tressqet l-ebda prova biex issejjes il-pretensjoni tal-appellat u, fuq kollox, lanqas qieset il-fatt li mill-provi kien jirriżulta nuqqas ta' ħlas ta' 'l fuq minn ħdax-il elf euro ta' fatturi mibgħutin lill-klijenti li kienu baqgħu ma tħallsux. Minbarra dan, l-appellanti qalu li jirriżultalhom li l-appellat u Ian Schembri kienu jniżżlu bosta sigħat ta' xogħol li mhux tassew kienu nħadmu. Huma jgħidu li dan laqat is-siwi tal-'*management accounts*' li l-ewwel Qorti qagħdet ħafna fuqhom biex waslet għal-likwidazzjoni tagħha, billi minħabba f'hekk ingħatat stampa mgħawġa tal-qagħda tad-ditta. Huma jilmintaw ukoll mill-fatt li l-ewwel Qorti qalet li ma kinitx se tikkonsidra tnaqqis minn sehem l-appellat f'dak li jirrigwarda d-djun dovuti lid-ditta u lanqas dwar sehemu mill-faċilità bankarja tas-self;

29. Illi l-Qorti tinnota li l-biċċa l-kbira minn dan l-ilment jirreferi għal allegazzjonijiet jew ċirkostanzi li ma joħorġux mill-atti tal-kawża u li żgur ma ssemmewx (lanqas fis-sottomissjonijiet finali) quddiem l-ewwel Qorti. Dak li ma joħroġx mill-atti tal-kawża ma jistax jitqies bħala raġuni li ssejjes l-ilment taħt dan l-aggravju. Dan ukoll jgħodd għax-xiljiet tal-appellanti li

l-appellat u Ian Schembri niżżlu tagħrif ħażin fuq it-*time sheets*. Minbarra dan, il-likwidazzjoni li l-ewwel Qorti għamlet '*arbitrio boni viri*' dwar il-'*works in progress*' kienet arġinata f'limiti li ma setax jiżdied. Għall-kuntrarju, l-ewwel Qorti qalet li jekk kellu jirriżulta li sehem l-appellat mill-imsemmija '*works in progress*' kellu jkun akbar mis-somma likwidata, dan kien jintuża biex jindirizza sehemu mid-debituri li sa dakinar ma kinux ħallsu lid-ditta u kif ukoll mis-sehem dovut għal-ħlasijiet li kienu diġa' saru lill-Bank bi ħlas lura tal-faċilità bankarja. Il-Qorti ma tifhimx l-ilment tal-appellanti dwar is-sehem li l-appellat kellu jerfa' mill-ħlas lura tal-faċilità bankarja, u dan għaliex is-sentenza appellata turi li, fil-proċess tal-likwidazzjoni, l-ewwel Qorti qieset u fil-fatt illikwidat sehem l-appellat minn dak id-dejn taħt paragrafu separat[28] li l-appellanti ma ressqu l-ebda lment dwaru taħt dan l-aggravju;

30. Illi billi ma nġabet l-ebda raġuni oħra tajba, lanqas din il-parti ta' dan l-aggravju mhi ser tintlaqa';

31. Illi fir-<u>raba' kawżali</u> l-appellanti jilmintaw minn dik il-parti tas-sentenza fejn illikwidat ammont dovut lill-appellat mill-appellant Richard Attard waħdu minħabba s-somma regolari li d-ditta kienet tħallas kull xahar lill-kumpannija tal-imsemmi appellant. Huma jgħidu li dak il-ħlas lill-kumpannija kien jagħmel tajjeb għan-nefqa li l-kumpannija kienet

[28] Par (d) tal-likwidazzjoni f'paġ. 24 tas-sentenza

għamlet biex tejbet l-uffiċini li minnhom kienet taħdem id-ditta u kisbet tagħmir li bih seta' jsir aħjar ix-xogħol fid-ditta. Għalhekk, l-appellanti Attard jgħid li tali ħlas ma kienx imur f'butu biex jibbenefika minnu hu, imma kien effettivament ir-radd lura ta' ħlas li kien intefaq għall-ġid tad-ditta;

32. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju jikkonsisti fi kwestjoni dwar l-interpretazzjoni li l-ewwel Qorti tat lix-xhieda u l-provi li tressqu quddiemha. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn ittenni dak li qalet qabel. L-appellanti Attard irid li din il-Qorti tagħti fehma oħra minn dik mogħtija mill-ewwel Qorti għax-xhieda li kien ta quddiem l-ewwel Qorti u għall-fatt ippruvat li s-somma ta' erba' mitt Lira Maltin (Lm 400) kienet titnaqqas mis-somma ta' elf Lira Maltija (Lm 1,000) kull xahar li l-partijiet kienu qablu li jinżammu mid-ditta biex iħallsu l-ispejjeż marbuta mat-tmexxija tal-uffiċċju. Ta' min jgħid li quddiem l-ewwel Qorti ma tressqet l-ebda prova tan-nefqiet li l-kumpannija tal-appellant Attard tgħid li kienet ħarġet biex tejbet l-uffiċċji tad-ditta. L-ewwel Qorti kellha toqgħod biss fuq dawk ir-riżultanzi msemmijin minnha u li wassluha għall-konvinċiment li l-appellat kien qed 'jissagrifika' sehemu minn Lm 400 kull xahar li d-ditta kienet qiegħda tgħaddi lill-kumpannija tal-appellant Attard u liema somma, wara kollox, l-istess appellat xehed li ma jafx jekk lill-appellat kienx qallu biha;

33. Illi għalhekk il-Qorti tqis li ma ngħatawlhiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex tilqa' din il-kawżali taħt it-tieni aggravju. Madankollu, kif ingħad, parti minn dan l-aggravju huwa mistħoqq u l-Qorti sejra taġġusta l-ammont li l-appellat għandu jitqies li rċieva sakemm kien għadu jaħdem mad-ditta;

34. Illi bit-tħaddim ta' dan l-aġġustament, l-ammont likwidat favur l-appellat dovut lilu mill-appellanti flimkien jitla' għal dfisat elef sitt mija u ħamsa u sittin euro (€ 9,665)[29]. L-ammont likwidat mill-ewwel Qorti bħala dovut lill-appellat mill-appellant Attard waħdu huwa konfermat;

***Decide:***

35. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' f'parti l-appell** imressaq mill-intimati mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Novembru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tirriformaha safejn illikwidat is-somma ta' ħmistax-il elf mitejn u tlieta u tletin euro (€15,233) dovuta mill-intimati flimkien u, minflok, tillikwida s-somma dovuta minnhom fl-ammont ta' disat elef sitt mija u ħamsa u sittin euro (€ 9,665) u tikkonferma għal kollox l-imsemmija sentenza fil-bqija, magħdud il-kap tal-imgħax fuq is-somom likwidati. L-

---

[29] €59,023 (total sħiħ dovut) - €51,738 (ħlas diġà riċevut) + € 10,000 ('*works in progress*') - €7620 (sehem mill-ħlas tal-faċilità bankarja) = € 9,665

**ispejjeż** jitħallsu kwantu għal kwart ($^{1}/_{4}$) mill-attur, u kwantu għat-tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) l-oħra mill-intimati appellanti flimkien u solidalment bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm